Taf tfittex fil-Bibbja?

- Il-Bibbja hi l-ktieb li jmexxi lill-Kristjani, allura wieħed ma jistax ma jkunx jaf jaqra l-**boxxla** li twasslu għas-salvazzjoni.
- Dan il-ktieb hu magħmul minn **ġabra ta' kotba** flimkien.
- Fil-Bibbja ma nfittxux bil-*pages*. Dan għax il-Bibbja tinqasam f'kotba. Il-kotba jinqasmu f'**kapitli**/*chapters*, u l-kapitli jinqasmu f'**versi**.
- Il-*page* ta' fejn jinsab il-ktieb nista' nsibha mill-index/werrej.

Meta rridu nirreferu għal xi parti mill-Bibbja niktbuha hekk: eżempju, **Mt 3,1-12**

Mt | **3,** | **1-12**

L-isem imqassar ta' l-Evanġelju ta' San Mattew. L-ismijiet imqassra is-sibhom fil-bidu tal-

Dan hu n-numru taċ-chapter/kapitlu fl-evanġelju ta' San Mattew. Hawn allura dan hu l

Dan hu n-numru tal-vers/vrus fil-kapitlu li semmejna.

Taf tfittex fil-Bibbja?

- Il-Bibbja hi l-ktieb li jmexxi lill-Kristjani, allura wieħed ma jistax ma jkunx jaf jaqra l-**boxxla** li twasslu għas-salvazzjoni.
- Dan il-ktieb hu magħmul minn **ġabra ta' kotba** flimkien.
- Fil-Bibbja ma nfittxux bil-*pages*. Dan għax il-Bibbja tinqasam f'kotba. Il-kotba jinqasmu f'**kapitli**/*chapters*, u l-kapitli jinqasmu f'**versi**.
- Il-*page* ta' fejn jinsab il-ktieb nista' nsibha mill-index/werrej.

Meta rridu nirreferu għal xi parti mill-Bibbja niktbuha hekk: eżempju, **Mt 3,1-12**

Mt | **3,** | **1-12**

L-isem imqassar ta' l-Evanġelju ta' San Mattew. L-ismijiet imqassra is-sibhom fil-bidu tal-

Dan hu n-numru taċ-chapter/kapitlu fl-evanġelju ta' San Mattew. Hawn allura dan hu l

Dan hu n-numru tal-vers/vrus fil-kapitlu li semmejna.



L-isem tal-Ktieb ikun in-naħa ta' fuq tal-*page* miktub ftit kbir. Dan issibu bħala *title* qabel jibda l-Ktieb.



Fuq nett ta' kull *page* ikun hemm it-*title* tal-ktieb li tinsab fih.



Iċ-*chapters*/kapitli issibhom b'*numbers* kbar tul il-ktieb.

Kull *chapter* jinqasam f'versi. In-numru ta' dawn ikun miktub żgħir qabel kull vers.



talba ▪ *qabel il-qari tal-Bibbja*

O Alla,li nqdejt bi bnedmin bħalna biex, imdawlin u mqanqlin minnek, jiktbu dak li ridt Int għat-tagħlim, twiddib u faraġ tagħna, agħmel li bid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu tiegħek nifhmu f'dan il-qari l-messaġġ tiegħek ta' salvazzjoni li b'mod speċjali għarrafulna Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

talba ▪ *wara l-qari tal-Bibbja*

O Ġesù, veru dawl, ħelsien u faraġ tagħna, agħmel li dak li qrajna ngħożżuh fi qlubna u nwettquh f'għemilna bl-istess imħabba li biha Int ħabbejtna meta ġejt fostna u sirt bniedem bħalna biex tgħallimna, tfejjaqna u tqaddisna. Amen.



L-isem tal-Ktieb ikun in-naħa ta' fuq tal-*page* miktub ftit kbir. Dan issibu bħala *title* qabel jibda l-Ktieb.



Fuq nett ta' kull *page* ikun hemm it-*title* tal-ktieb li tinsab fih.



Iċ-*chapters*/kapitli issibhom b'*numbers* kbar tul il-ktieb.

Kull *chapter* jinqasam f'versi. In-numru ta' dawn ikun miktub żgħir qabel kull vers.



talba ▪ qabel il-qari tal-Bibbja

O Alla,li nqdejt bi bnedmin bħalna biex, imdawlin u mqanqlin minnek, jiktbu dak li ridt Int għat-tagħlim, twiddib u faraġ tagħna, agħmel li bid-dawl ta' l-Ispirtu s-Santu tiegħek nifhmu f'dan il-qari l-messaġġ tiegħek ta' salvazzjoni li b'mod speċjali għarrafulna Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

talba ▪ wara l-qari tal-Bibbja

O Ġesù, veru dawl, ħelsien u faraġ tagħna, agħmel li dak li qrajna ngħożżuh fi qlubna u nwettquh f'għemilna bl-istess imħabba li biha Int ħabbejtna meta ġejt fostna u sirt bniedem bħalna biex tgħallimna, tfejjaqna u tqaddisna. Amen.